KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIZABILITÀ
MALTA
NATIONAL COMMISSION PERSONS WITH DISABILITY
*Ufficju tad-Direttur Ezekuttiv*
*Office of the Executive Director*

# Elezzjoni 2003

## Proposti ghall-
# Programmi Elettorali

## lill-Partiti Politici Maltin

# WERREJ


Sommarju Ezekuttiv …………………………………………………………… 3

Introduzzjoni ………………………………………………………………… 4

1. Gharfien ……………………………………………………………………... 5

2. Sahha ………………………………………………………………………… 6

3. Sapport fil-Komunita` ……………………………………………………….. 8

4. Accessibilita` ………………………………………………………………... 9

5. Edukazzjoni ………………………………………………………………. 13

6. Impjieg ……………………………………………………………………. 15

7. Sigurta` Socjali …………………………………………………………… 16

8. Kultura, Sports u Divertiment …………………………………………….. 16

9. Legislazzjoni ……………………………………………………………… 17

10. Ko-Ordinament …………………………………………………………… 18

11. Ghaqdiet ………………………………………………………………….... 18

12. Qasam Internazzjonali ……………………………………………………. 18

Konkluzzjoni ……………………………………………………………… 19

*Sommarju Ezekuttiv*

Qabel kull elezzjoni, il-Kummissjoni taghmel il-proposti taghha biex il-partiti politici jinkluduhom fil-programm eletorali taghhom.

Il-Kummissjoni taghraf li diga` sar hafna minn kull amminsitrazzjoni. Biss hemm qbil li dan is-settur baqalu hafna fejn jizviluppa. Dan id-dokument jinkludi l-proposti kollha li l-Kummisjsoni tixtieq tara jitwettqu fil-hames snin li gejjin. Minhabba n-numri kbir ta' proposti li qed isiru, il-Kummissjoni tifhem li dawn ma jistghux isiru kollha f'daqqa. Ghala bhala prijorita`, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

- **Ic-Child Development Assessment Unit (paragrafi 2.1);**
- **Is-Servizz Ghajnuniet Specjali (paragrafi 2.2);**
- **Servizzi fil-komunita` ghall-persuni bi problemi ta' sahha mentali (paragrafi 2.5);**
- **L-Iskema ta' Assistenza Personali u Djar Zghar fil-Komunita` (paragrafi 3.3);**
- **Vetting mill-Kummissjoni ta' applikazzjoni tal-MEPA dwar l-accessibilita` (paragrafi 4.1);**
- **Accessibilita` fit-toroq (paragrafu 4.5);**
- **Accessibilita` ghall-informatika (paragrafu 4.9);**
- **Programm individwali edukattiv ghal kull student b'dizabilita`(paragrafu 5.1)**
- **Edukazzjoni ghall-studenti ghomja u torox (paragrafi 5.4);**
- **Edukazzjoni wara s-sittax-il sena (paragrafu 5.5);**
- **Skemi differenti biex persuni b'dizabilita` jithargu u jidhlu fid-dinja tax-xoghol (paragrafi 6.1);**
- **Servizzi ta' Matul il-Jum ghall-adulti b'dizabilita` (paragrafi 6.4);**
- **Id-dritt tal-vot u persuni b'dizabilita` (paragrafi 9.3);**
- **Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabilita` (paragrafi 12.1);**
- **Id-Direttiva mill-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Dizabilita` (paragrafi 12.2).**

***Introduzzjoni***

Il-qasam tal-persuni b'dizabilita`, ghall-grazzja t'Alla minn dejjem kien qasam li ftit li xejn gie ppoliticizzata. Il-partiti politici kollha jemmnu li f'dan il-qasam diga sar hafna. Fost l-aktar oqsma li sar progress ta' min jsemmi:

- il-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita`) li permezz taghha kull persuna li thossha ddiskriminata minhabba d-dizabilita` tista' titlob li din id-diskriminazzjoni titwaqqaf u tinghata rimedju gust;
- il-bidu ta' l-edukazzjoni specjali bil-ftuh ta' l-iskejjel specjali fis-snin hamsinijiet u li zvillupat fl-edukazzjoni inklussiva fis-snin disghin u wara;
- l-introduzzjoni tal-penzjoni ghall-persuni b'dizabilita fis-snin sebghin;
- il-ftuh tal-Centri tat-Tahrig fis-snin tmenin bhala servizzi ta' matul il-jum ghall-adulti b'dizabilita`;
- il-ftuh tal-Fondazzjoni ta' Respite Care Services fis-snin disghin;
- il-bidu ta' servizzi residenzjali ghall-persuni b'dizabilita` bil-ftuh ta' Dar tal-Providenza mill-Knisja ghal llum bit-twaqqief tal-Agenzija SAPPORT;
- l-introduzzjoni fis-snin tmenin u desghin ta' servizzi fil-komunita` bhal ma' huma l-Home Help Care, is-Servizz ta' l-Inkontinenza, it-Telecare, is-Servizz Ghajnuniet Specjali, il-Handyman Service, Skema 7 ta' l-Awtorita` tad-Djar u servizz limitat ta' trasport specjalizat;
- ricentamnet, l-ivvetjar ta' pjanti ta' bini miftuh ghall-pubbliku u ta' uzu magguri biex dawn ikun fizikament accessibbli ghal kulhadd;

Minn din il-lista, jidher car li kull amministrazzjoni tat sehem biex il-kwalita` tal-hajja tal-persuni b'dizabilita` u l-familji taghhom titjieb. Pero kulhadd jaqbel li dan is-settur ghad fadallu hafna x'jizviluppa. Il-Kummissjoni temmen li din il-mixja 'l quddiem trid titkompla.

Il-Kummissjoni hi konxja ukoll ghall-fatt li l-bicca l-kbira ta' dawn il-mizuri jinhtiegu finanzjament gdid. Fil-waqt li taghraf li dan mhux dejjem ikun possibli, il-Kummisjsoni tixtieq tghid li hafna minn dawn il-mizuri joffru ukoll beneficcju finanzjarju u ekonomiku posittiv ghas-Socjeta  Dan il-punt importanti ser issir accenn ghalih diversi drabi f'dan il-memo.

Il-Kummissjoni hejjiet dan il-memorandum lill-partiti politici kollha li ser jikkontestaw l-elezzjoni 2003 li fih ssemmiet l-oqsma kollha li hi thoss li ghandhom jizviluppaw fil-hames snin li gejjin. Il-memorandum hu wiehed komprensiv u jinkludi diversi oqsma. B'impenn qawwi u spirtu ta' solidarjeta` vera, il-Kummissjoni temmen li fil-hames snin li gejjin, hafna minn dawn l-aspettivi tal-persuni b'dizabilita` u l-familji taghhom jistghu jitwettqu.

Dan il-memo hu mqassam fi tlettax-il taqsima u kull taqsima ghandha diversi proposti.

## *1. Gharfien*

1.1.1 Din is-sena hi is-Sena Ewropea tal-Persuni b'Dizabilita` li fost l-ohrajn ghandha l-ghan li tghin lis-Socjeta` Maltija tgharaf dejjem aktar l-issues principali ta' dan il-qasam.

**1.1.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-entitajiet Governattivi kollha jaghtu s-sehem shih taghhom biex fix-xhur li ser jibqa' minn din is-sena jiehdu inizjattivi konkretti biex titfakkar din is-sena u biex verament joffru opportunitajiet indaqs lill-persuni b'dizabilita`.**

1.2.1 Il-qasam tad-dizabilita` ghandu gharfien ragonevoli fis-Socjeta` taghna. Il-Kummissjoni ssostni li dan l-gharfien ghandu jkun wiehed ta' kwalita` u mibni fuq mudell socjali tad-dizabilita`. Dan ifisser primarjament li l-bidliet necessarji ghandhom isiru fl-ambjent ta' madwarna biex jibda jiehdu konsiderazzjoni gusta tal-bzonnijiet differenti taghna lkoll. Wahda mill-mizuri l-aktar importanti biex dan issehh hu li l-media tkun aktar konxja ta' dawn il-bzonnijiet.

1.2.2 Il-Kummissjoni flimkien ma' l-Awtorita`tax-Xandir faslu Kodici ta' Etika dwar kif il-media (radju u televizjoni) jistghu jaghmlu dan. Il-media stampata ghadha mhix inkluza.

**1.2.3 Il-Kummissjoni tirrakkomda lill-Gvern biex jirrikonoxxi dan il-Kodici ta' Etika, jahdem biex jigi implimentat u jinstab mezz kif dan ikopri ukoll il-media stampata.**

1.3.1 Il-Kummissjoni temmen li attitudni posittiva lejn il-persuni b'dizabilita` hi krucjali f'dawk il-persuni li ghandhom sehem dirett fit-tehid tad-decizjonijiet. Ghalhekk hu importanti li l-mexxejja futuri tal-pajjiz ikollhom is-sensittivita` gusta lejn dan il-qasam barra l-gharfien akkademiku mehtieg. Il-Kummissjoni ilha hafna tahdem biex fil-korsijiet principali tal-Universita` jkun hemm dan it-tahrig baziku u f'certi oqsma bhal ma' huma l-fakultajiet ta' l-Edukazzjoni, tas-Social Work u l-Istitut ghall-Harsien tas-Sahha, il-Kummissjoni qed taghti sehemha permezz ta' lectures moghtija minn persuni b'dizabilita` jew familjari taghhom. Biss f'oqsma importanti ohra bhal ma huma l-Medicina, l-Arkitettura u t-Tejologija, dan mhux qed isir.

**1.3.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Gvern biex jiehu l-mizuri necessarji biex fil-korsijiet universitarji principali jkun hemm it-tahrig necessarju dwar l-Oqsma tad-Dizabilita`, li dan it-tahrig ikun jinkludi l-fakultajiet tal-Medicina, it-Tejologija u l-Arkitettura u li dan it-tahrig isir bis-sehem shih u dirett tal-persuni b'dizabilita` u l-familji taghhom.**

## *2 Sahha*

2.1.1 Il-Kummissjoni temmen li s-servizzi lill-persuni b'dizabilita` u l-familji taghhom ghandhom jinghataw minn tim trans-dixiplinarju, li l-investigazzjonijiet medici, paramedici u socjali ghandhom jigu tradotti fi programm ta' azzjoni ghall-kura, ri/abilitazzjoni u interventi ohra lill-persuna b'dizabilita` u li l-persuna b'dizabilita` u/jew il-familjari tieghu ghandhom ikollhom sehem shih u dirett fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dan il-programm. It-twaqqief tac-Child Development Assessment Unit (CDAU) kellu dan l-iskop. Il-Kummisjsoni ghandha indikazzjonijiet li dan mhux qed isehh.

**2.1.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Gvern ghandu jiehu dawk il-mizuri biex ic-CDAU jkollu tmexxija u filosofija bbazata fuq dawn il-principji u biex ikun hemm il-mekkanizmu biex:**

**a) il-hidma mat-tfal u zghazagh b'dizabilita` ssir f'tim trans-dixxiplinarju;**

**b) kull tifel u tifla b'dizabilita` jkollu programm individwali mfassal ghalih;**

**c) il-persuna b'dizabilita` u/jew il-familja taghha jkollha sehem shih u dirett fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dan il-programm**.

2.2.1 Hafna mill-persuni b'dizabilita` ghandhom bzonn ghajnuniet diversi biex huma jkunu jistghu jghixu b'mod indipendenti l-aktar possibbli u hekk ikollhom l-oghla kwalita` ta' hajja possibbli. Dan l-apparat jista' jkun xi haga zghira bhal ma hu petne b'manku twil biex taghmel xaghrek ghal min ghandu l-artrite u li jqum ftit liri ghal siggu tar-roti mill-aktar sofistikat li jqum l-eluf tal-liri. Hafna drabi, biex wiehed jista' jikseb dawn l-affarijiet hemm bzonn ta' pariri teknici u assistenza finanzjarja. Fil-prezent iz-zewg oqsma jinhtieg li jkun hemm zviluppi sostanzjali fit-tnejn.

2.2.2 It-taghrif dwar dan l-apparatt jezisti imma sal-lum dan ftit li xejn qed jasal ghand il-persuni b'dizabilita` nfushom u l-familji taghhom. Hemm cirkustanzi ukoll fejn dan qed jasal ghand dawn il-persuni mhux bl-ahjar mod minhabba li min qed jibaghtu ghandu interessi kummercjali.

2.2.3 Hafna minn dan l-apparat jiswa hafna flus u s-sapport finanzjarju mis-Socjeta` taghna lill-persuni b'dizabilita` u l-familji taghhom hu wiehed limitat u mhux ko-ordinat. Din l-ghajnuna fil-fatt tinghata mill-Ministeru tas-Sahha, mill-Kummissjoni permezz tas-Servizz Ghajnuniet Specjali u mill-Community Chest Fund. Fil-prezent ma hemmx kriterji cari jew konsistenti bejn dawn it-tliet entitajiet ta' kif din l-ghajnuna tinghata.

2.2.4 Il-Kummissjoni temmen li dan l-apparat ghandu jigi pprovdut mis-Socjeta` taghna bi dritt lill-persuni b'dizabilita` b'sistema ta' qsim ta' l-ispejjez involuti (cost sharing). Ghalkemm sistema bhal din tista' tohloq problemi amministrattivi u etici ta' kif tikkalkula l-mezzi finanzjarji ta' l-individwu, il-Kummissjoni temmen li dan hu l-mod l-aktar gust.

2.2.5 Issue ohra dwar dan l-apparat hu li uhud minnu jrid isir skond id-daqs individwali (tailor made) per ezempju l-calipers u l-moulds tal-hearing aids. Barra minn hekk hafna minn dan l-apparat ikollu bzonn il-manutenzjoni. Fil-prezent dawn is-servizzi jew ma jezistux jew inkella mhumiex efficjenti bizzejjed kemm minhabba problemi teknici per ezempju ghax ma ghandhiex nies imharga bizzejjed jew inkella minhabba problemi burokratici.

**2.2.6 Ghalhekk il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Gvern biex is-Servizz Ghajnuniet Specjali tal-Kummissjoni flimkien mal-Ministeru tas-Sahha u possibilment il-Community Chest Fund iwaqqaf Centru Nazzjonali dwar l-apparat ghall-persuni b'dizabilita` biex:**

**a) personnel imharreg jaghti pariri professjonali dwar l-ahjar uzu ta' dan l-apparat skond il-bzonnijiet indivdiwali tal-persuni b'dizabilita`;**

**b) joffri assistenza finanzjarja biex il-persuna b'dizabilita` tkun tista' tixtri l-apparat li ghandha bzonn b'sistema ta' qsim ta' l-ispejjez (cost sharing) u allura skond il-mezzi finanzjarju taghha;**

**c) joffri apparat tal-qies (tailor-made) fejn mehtieg b'mod efficjenti;**

**b) joffri servizz ta' manutenzjoni u tiswija ghal dan l-apparat.**

2.3.1 Hafna persuni li jkollhom puplesija (stroke) ghandhom bzonn ta' programm ta' rijabilitazzjoni biex huma jkunu jistghu jibqghu jghixu b'mod indipendenti l-aktar possibbli. L-Isptar Zammit Clapp joffri dan it-tip ta' programm lill-persuni li ghandhom 'il fuq minn 60 sena.

**2.3.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jigi zviluppat servizz simili ghal dak ta' l-Isptar Zammit Clapp ghall-persuni li jkollhom puplesija u li jkunu ta' eta taht is-sittin sena.**

**2.4.1** Il-Gvern Malti ghandu skema li permezz taghha persuni b'dizabilita` (u ohrajn) li jkollhom bzonn kura barra minn Malta tinghata lilhom minghajr hlas. Hafna drabi dawn ikunu persuni b'dizabilita`. Sfortunatament din l-iskema ma tinkludiex li l-persuna tkun akkumpanjata minn familjari wiehed li hafna drabi tkun genitur jew l-mara/ragel ta' l-individwu. Spiss, il-persuna koncernata jkollha tirrikori ghall-gbir tal-karita` biex din il-familjari tkun tista` takkumpanja lill-persuna barra minn Malta.

**2.4.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda biex il-Gvern Malti jghin finanzjarjament aktar f'dan il-qasam biex il-persuni, inkluz dawk b'dizabilita` ma jkollhomx jirrikorri ghall-gbir ta' karita` f'mumenti mill-aktar difficli ta' hajjiethom meta huma jkollhom bzonn ta' kura barra minn Malta.**

2.5.1 Il-Kummissjoni thoss li r-riforma fir-rigward tas-Sahha Mentali ghandha tkompla b'pass aktar mghaggel. Is-servizzi fil-komunita` inkluz postijiet residenzjali, li jghinu biex il-persuna bi nuqqas ta' sahha mentali ma jkollhiex bzonn tigi istituzzjonalizata jew inkella biex dawk istituzzjonalizati johorgu fil-komunita`,

ghadhom limitati hafna. Barra minn hekk il-Kummissjoni ghada tircievi lmenti negattivi dwar l-Isptar Monte Carmeli l-aktar minhabba l-ambjent negattiv.

**2.5.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Gvern biex izied is-servizzi dwar is-Sahha Mentali fil-komunita`, izdied il-postijiet residenzjali fil-komunita` ghal dawk il-persuni b'nuqqas ta' sahha mentali li jkollhom bzonn dan is-servizz u jkompli jtejjeb il-kura u l-ambjent ta' l-Isptar Monte Carmeli.**

## *3 Sapport fil-Komunita`*

3.1.1 Il-Kummissjoni temmen li l-familji li jissapportjaw persuni b'dizabilita` biex ikomplu jghixu fil-komunita` ghandhom bzonn huma stess is-sapport u l-hin ta' mistrieh. Ghalhekk is-servizz ta' respite hu essenzjali f'dan ir-rigward. Il-Gvern qed jghin sostanzjalment f'dan il-qasam pero` d-domanda ghal dan is-servizz hi akbar minn dik li qed tinghata. Barra minn hekk dan is-servizz jinghata bi hlas ghalkemm hemm sistema ta' ezenzjoni minn dan il-hlas ghal min ma jistax ihallas.

3.1.2 Il-Kummissjoni temmen li dan is-servizz, bhal kull servizz iehor fil-komunita`, jaghmel hafna sens ekonomiku ghax jghin biex il-persuna ma tigix istituzzjonalizata. L-ispiza mehtiega biex is-Socjeta` toffri servizz residenzjali hi ferm ghola minn hafna minn dawn is-servizzi fil-komunita`.

**3.1.3 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li s-Servizz ta' Respite ghandu jkompli jizviluppa biex kemm jista' jkun id-domanda li hemm tigi moqdija kollha u jigi assigurat, permezz ta' finanzjament adekwat, li hadd ma jigi mcahhad minn dan is-servizz minhabba nuqqas ta' finanzi.**

3.2.1 Il-Gvern zviluppa diversi servizzi fil-komunita` (Home Help Care, Telecare, Meals on Wheels, Servizz tal-Inkontinenza, Handyman Service, l-MMDNA) biex jghinu persuni b'dizabilita` jibqghu jghixu fil-komunita`. Dawn bdew ghall-persuni anzjani u biz-zmien infethu ghall-persuni b'dizabilita`. Madankollu, dawn is-Servizzi specjalment il-Home Help Care ghadu wisq imfassal ghall-bzonnijiet ta' persuni anzjani.

**3.2.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li s-servizzi fil-komunita`, l-aktar dak tal-Home Help Care, ikomplu jizviluppaw biex jaqdu ahjar il-bzonnijiet ta' persuni b'dizabilita` ta' etajiet kollha.**

3.3.1 Ma hemm l-ebda dubju li l-akbar pre-okkupazzjoni tal-familji ta' persuni b'dizabilita` hi x'ser jigri mill-persuna b'dizabilita` meta l-familja ma tkunx tista' tkompli tissapporjaha biex tkompli tghix fil-familja u/jew fil-komunita`. Is-soluzzjoni ghal din il-problema hi li jkun hemm Skemi ta' Assistenza Personali jew Djar Zghar fil-Kumunita`. Il-Kummissjoni hi kompletament kontra l-izvilupp ta' djar kbar residenzjali ghall-persuni b'dizabilita` inkluz l-izvilupp tal-Isptar San

Luqa jew parti minnu ghal dan il-ghan.. Il-Kummissjoni hi konxja ukoll li l-Agenzija SAPPORT twaqqfet biex tizviluppa l-iSkemi ta' Assistenza Personali u Djar Zghar fil-Komunita` u diga` bdiet tiehu inizjattivi konkreti f'dan is-sens.

**3.3.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li titkompla l-politika li l-persuni b'dizabilita` li ghandhom bzonn ikollhom is-sapport ta' l-Iskema ta' Assistenza Personali jew Djar Zghar fil-Komunita` u li l-Agenzija SAPPORT tinghata l-mezzi kollha finanzjarji biex hi tkun tista' tlahhaq mad-domandi li ghandha ghal dawn is-servizz importantissimi.**

3.4.1 Il-Kummissjoni hi konxja li l-process fil-Qorti biex persuna adulta li ma ghandhiex il-kapacitajiet li tiehu hsieb taghha nfisha mhux efficjenti kemm minhabba l-aspett legali kif ukoll dak amministrattiv.

**3.4.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jsir qafas legislattiv adekwat dwar il-Guardianship t'adulti b'dizabilita` li ma jistghux jiehdu hsieb taghhom infushom u li jkun hemm l-istuttura necessarja biex din il-qafas ikun jista' jopera b'mod effettiv.**

3.5.1 Il-Kummissjoni hi konxja li hawn numru ta' persuni b'dizabilita` li qed jghixu fi djar li mhumiex adekwati ghalihom l-aktar minhabba l-accessibilita`.

3.5.2 Il-Kummissjoni hi konxja ukoll li l-Awtorita` tad-Djar tghin permezz ta' Skema li taghti ghajnuna finanzjarja lill-persuni b'dizabilita` biex jirrangaw djarhom halli tkun aktar accessibbli ghalihom u anke qed tinstalla numru ta' lifts f'appartamenti tal-Gvern fejn dan ikun teknikament possibbli. Pero` l-Kummissjoni hi konxja ukoll li l-ghajnuna finanzjarja li tinghata, l-aktar biex jigu installati lift jew stairlifts hi wahda relattivament baxxa meta mqabbla ma' l-ispiza totali.

**3.5.3 Il-Kummisjsoni tirrakkomanda li l-Awtorita` tad-Djar, fejn hemm bzonn, izied l-assistenza finanzjarja li taghti biex tghin persuni b'dizabilita` jinstallaw lifts jew stairlifts u jkollha stock ta' units li jkunu kompletament accessibbli halli toffrihom lil dawk il-persuni b'dizabilita` li joqoghdu fi djar li mhumiex teknikament possibbli li tirrangawhom skond il-bzonnijiet tal-persuna b'dizabilita`.**

## *4 Accessibilita`*

4.1.1 Il-Kummissjoni nghatat l-inkarigu li tivvettja pjanti tal-MEPA ta' bini miftuh ghall-pubbliku u ta' uzu magguri. Il-Kummissjoni hi inkarigata ukoll li taghmel spezzjoni tal-bini qabel johrog il-Compliance Certificate mill-MEPA. Fil-prezent ftit li xejn qed ikun hemm talbiet lill-Kummissjoni biex taghmel dawn l-ispezzjonijiet.

4.1.2 Il-Kummissjoni temmen bil-qawwa kollha li jaghmel sens ekonomiku kbir li bini miftuh ghall-pubbliku jkun accessibbli ghal kulhadd ghal diversi ragunijiet. Tajjeb li niftakru li l-bzonn ta' accessibilita' fizika mhix biss ghal "ftit" persuni li juzaw siggu tar-roti imma hi necessarja ghal hafna persuni li ghandhom nuqqas ta' mobilita` permanenti jew temporanja bhal ma huma persuni anzjani, persuni li ghandhom mard kroniku bhal dak tal-qalb jew l-azma, nisa tqal, persuni bi prams u haddiema b'taghbijiet. Barra minn hekk access tajjeb hu ukoll ta' beneficcju kbir ghall-persuni li jiehdu hsieb persuni b'dizabilita. Dawn il-carers, uhud minnhom huma ukoll anzjani, ma jistghux jibqghu hajjiethom kollha jerfghu u jqandlu. Raguni ohra ghaliex access fiziku tajjeb jaghmel sens ekonomiku hu n-numru kbir ta' turisti anzjani u b'dizabilita` li jzuru pajjizna kull sena.

**4.1.3 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li dan il-vetting tal-pjanti jkompli jsir minnha u jittiehdu dawk il-mizuri kollha biex, fuq dawn il-pjanti, l-ebda Compliance Certificate ma johrog qabel jigi assigurat mill-Kummissjoni li dak il-bini sar skond il-principji ta' Accessibilita` ghal Kulhadd.**

4.2.1 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li biex bini jsir accessibbli jew jinbena accessibbli ghal kulhadd hemm certu ammont ta' spejjez l-aktar, primarjament, minhabba l-installazzjoni ta' lift. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi ukoll li l-Istat ghandu jghin lis-Settur Privat, l-aktar dawk l-entitajiet li jahdmu mhux ghal qliegh, biex ikun jista' jerfa' din ir-responsabilita` socjali u civili.

**4.2.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li, taht certu kundizzjonijiet, entitajiet privati jigu moghtija lura l-VAT li jkunu hallsu fuq l-ewwel lift li jsir f'bini miftuh ghall-pubbliku.**

4.3.1 Il-Kummissjoni hi konxja li aktar turisti b'dizabilita` qed izuru pajjizna. Barra minn hekk persuni b'dizabilita` Maltin aktar u aktar qed jiffrekwentaw postijiet mifutha ghall-pubbliku ghall-mistrieh u divertiment (lukandi, restoranti, bars, bajjiet, ecc). In-numru ta' dawn il-postijiet li huma verament accessibbli ghal kulhadd hu relattivament zghir hafna.

4.3.2 Il-Kummissjoni hi perswaza li investiment biex l-ambjent fiziku turistiku jkun wiehed accessibbli ghal kulhadd jaghmel sens ekonomiku qawwi. In-numru ta' turisti b'dizabilita` li jzuru Malta hu wiehed qawwi hafna l-aktar fix-xhur tax-xitwa meta l-aktar li ghandna bzonn turisti. Dan hu dovut ghall-fatt li fix-xitwa l-percentagg ta' turisti anzjani li jigu Malta hu wiehed gholi hafna. U hu fatt maghruf li l-incidenza ta' dizabilita` hi qawwi fl-eta` ta' l-persuni anzjani. Ma hemmx dubbju li turisti b'dizabilita` u dawk li jakkumpanjawhom ifittxu postijiet li huma fizikament accessibbli ghalihom.

**4.3.3 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li ssir klassifikakazzjoni rejali tal-postijiet turistici (lukandi, restoranti, bars, discos, ecc) biex jigi determinat u riklamat il-grad ta' accessibilita` ghal kulhadd u li jsir programm fuq medda ta' snin biex dan il-grad joghla sal-massimu possibli.**

4.4.1 Il-Kummissjoni hi konxja ukoll li l-maggoranza ta' bini governattiv muhiex fizikament accessibbli ghal kulhadd.

**4.4.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jsir programm fuq numru ta' snin biex dan il-bini jsir accessibbli ghal kulhadd u li l-finanzjament ghal dan il-programm jittiehed parti minn flus ivvutati prezentament ghall-infiq kapitali u parti minn fondi godda.**

4.5.1 Jekk verament iridu li l-ambjent fiziku jkunu accessibbli ghal kulahdd hemm bzonn li t-toroq taghna, l-aktar dawk li qed isiru godda jew qed isiru mill-gdid u sa fejn hu teknikament possibbli, isiru accessibbli ghal kulhadd.

4.5.2 Il-Kummissjoni temmen li anke hawnhekk, din ir-rakkomandazzjoni taghmel hafna sens ekonomiku u mhux necessarjament qed isir talba ghall-fondi godda. Ir-rakkomandazzjoni principali hi li jsir uzu tajjeb tal-fondi li qed jintuzaw ghal dawn it-toroq godda u li qed isiru mill-gdid u li wiehed jittama hu investiment fit-tul. Jekk it-toroq li qed isiru godda jew mill-gdid ma jaghtux kaz tal-bzonnijiet tal-persuni b'dizabilita inkluz il-persuni anzjani dan ifisser li jew dawn it-toroq ser jibqghu mhux tajjeb ghal dawn il-persuni ghal hafna snin jew inkella jfisser li jrid isir investiment iehor biex dawn jitrangaw. Hafna drabi investiment biex tirranga xi haga l-anqas jaghti r-rizultat tajjeb minhabba li meta tipprova tirranga l-oggett ma jigiex tajjeb daqskemm meta tippjanah sew mill-bidu.

**4.5.3 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li t-toroq godda ssiru kompletament accessibbli ghal kulhadd, dawk li qed isiru mill-gdid isiru accessibbli ghal kulhadd sal-massimu li teknikament hu possibli u jsir programm biex gradwalment it-toroq l-ohra ukoll isiru accessibbli ghal kulhadd sal-massimu li teknikament hu possibli.**

4.5.4 Il-Kummissjoni hi konxja ukoll tal-problema li qed tinholoq fil-bankieni minhabba r-rampi tal-garaxxijiet. Hemm konflit bejn il-bzonn li l-garaxxijiet ikollhom access tajjeb u l-bzonn li l-bankieni jkunu tajbin ghal min jimxi fuqhom, tkun xi tkun il-livell ta' mobilita` tieghu jew taghha.

**4.5.5 Il-Kummisjsoni tirrakkomanda li jsir studju biex fi zmin tliet xhur isiru rakkomandazzjonijiet prattici kif din il-problema tista' tigi rizolta.**

4.6.1 Il-Kummissjoni hi konxja bid-decizjoni tal-Gvern li l-karozzi tal-linja l-godda jkunu accessibbli ghal kulhadd. Sfortunament il-process ghal dan il-bdil hu wiehed bil-mod hafna.

**4.6.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jithaffef il-process tal-bdil tal-karozzi tal-linja ezistenti ma' dawk li jkunu accessibbli ghal kulhadd.**

4.6.3 Il-Kummissjoni hi konxja li hemm mezzi ta’ trasport pubbliku iehor ezempju taxi coaches, mini buses ecc li hu inaccessibbli kompletament ghall-persuni b’dizabilita`.

4.6.4 Hawnhekk il-Kummissjoni ukoll thoss li hemm argument ekonomiku dwar din ir-rakkomandazzjoni. Kull mezz ta’ trasport jinhtieg li jkopri l-bzonnijiet l-aktar wiesgha possibbli l-aktar ta’ dawk li jaghmlu l-akbar uzu tieghu. Il-Kummissjoni temmen li l-persuni anzjani huma kategorija li l-aktar jistghu jaghmlu uzu mit-trasport pubbliku. U kif diga ghidna l-incidenza ta’ dizabilita` fil-popolazzjoni anzjani hi aktar qawwija.

**4.6.5 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li mezzi ta’ trasport pubbliku godda (taxis, mini-buses, coaches, ecc) ikunu accessibli ghal kulhadd u jsir programm fuq medda ta’ snin biex jinbdilu dawn il-mezzi ta’ trasport halli jsiru accessibbli ghal kulhadd.**

4.6.6 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li sakemm it-trapsort pubbliku jsir wiehed accessibbli ghal kulhadd hemm bzonn ta’ servizz specjalizzat bi prezz ekwivalenti ghal dak tat-trasport pubbliku. Fil-prezent il-Fondazzjoni Trasport Hajja Indipendenti qed tipprovdi dan is-servizz mill-ahjar li tista’ pero` mhux dejjem qed jirrnexxielha minhabba li ghandha bzonn amministrazzjoni ahjar u aktar fondi.

**4.6.7 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Fondazzjoni Hajja Indipendenti tigi ri-strutturata u ffinanzjata tajjeb biex tipprovdi servizz specjalizatt ta’ trasport li kull min ghandu bzonnu.**

4.7.1 Fil-prezent fil-pajjiz hemm numru limitat ta’ parkeggi pubblici riservati ghall-persuni b’dizabilita` li ghandhom il-Blue Sticker. Hemm ukoll abbuz qawwi minn persuni li ma ghandhomx dizabilita` li jaghmlu uzu illegali ta’ dawn il-parkeggi.

**4.7.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jizdiedu l-parkeggi riservati ghall-persuni b’dizabilita` li ghandhom il-Blue Sticker biex dawn jigu ta’ l-anqas 2 fil-mija tal-parkeggi pubblici kollha.**

**4.7.3 Il-Kummissjoni tirrakkomanda ukoll li jittiehdu l-mizuri kollha possibbli mill-forzi ta’ l-ordni (wardens u pulizija) biex l-abbuz ta’ l-uzu illegali tal-Parkeggi Riservati ghall-Persuni b’Dizabilita` jonqos drastikament.**

4.8.1 Il-Kummissjoni hi konxja li hafna informazzjoni mhix accessibbli ghall-persuni li ghandhom nuqqas sensorjali. Dan jghodd ghall-kitba fil-kaz tal-persuni ghomja u ghat-televizjoni fil-kaz ta’ personi torox jew ghomja. Din il-problema tista’ tigi rizolta parzjalment billi pubblikazzjoniet bil-kitba johorgu f’media alternativa l-aktar dik audio waqt li jkun hemm programmi televizivi li jkollhom interpretazzjoni bil-lingwa tas-Sinjali u/jew bis-sotttotitoli ghall-persuni torox u bid-diskrizzjoni audio ghall-persuni ghomja. Barra minn hekk hafna programmi

barranin diga` qed jigu bis-sotto-titoli jew b'deskrizzjoni audio biss dawn qatt ma jidhru hekk ghat-telespettaturi lokali.

**4.8.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li:**

**a) pubblikazzjonijiet pubblici importanti ghandhom johorgu fuq audio;**
**b) programmi barranin fuq it-televizijoni Maltija li ghandhom is-sottotitoli u/jew deskrizzjoni audio jibdew jixxandru hekk f'Malta ukoll;**
**c) jizdiedu l-programmi lokali tat-televizjoni li jkollhom is-sotto-titoli jew interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija u deskrizzjoni audio.**

4.9.1 Il-Kummissjoni temmen li l-persuni b'dizabilita` jista' jkollhom futur ahjar jekk ikollhom access shih ghall-informatika. Ghalhekk hu importanti li l-izvilupp ta' dan il-qasam jassigura li jkun hemm access shih ghal kulhadd, li l-persuni b'dizabilita` jkunu mharga sew f'dan il-qasam u li huma jkollhom il-mezzi finanzjarji biex jistghu jixtru l-apparat mehtieg inkluz l-adatazzjoni mehtiega minhabba d-dizabilita`. Dan kollu hu ekwivalenti ghall-ghanijiet li ghalihom twaqqfet il-Fondazzjoni FITA.

4.9.2 Il-Kummissjoni thoss li f'dan is-settur forsi hu l-aktar wiehed li fih sens ekonomiku minhabba li dan hu qasam li ghadu qed jizviluppa u ghalhekk ghadna fil-hin li dan il-qasam jizviluppa b'tali mod li verament ma jhalli lil hadd barra. Barra minn hekk, ma hemmx dubbju li jinhtieg hafna aktar spejjez biex timmodifka dan l-apparat (hardware) u l-programmi (software) wara li jsiru biex tipprova taghmilhom accessibbli ghal kulhadd. Ukoll dan hu qasam li ser ikun indispendabbli biex persuna tidhol fil-dinja tax-xoghol u ghalhekk jista' jkun l-punt determinati jekk persuna b'dizabilita` tibqax piz finanzjarju fuq is-Socjeta` tiehu l-beneficcji socjali jew inkella ssirx persuna produttiva u parti mid-dinja tax-xoghol.

**4.9.3 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Fondazzjoni FITA tinghata r-rizorsi mehtiega biex hi tkun tista' tilhaq il-missjoni taghha dik li l-persuni b'dizabilita` jkollhom access shih ghad-dinja ta' l-informatika.**

## *5 Edukazzjoni*

5.1.1 Il-Kummissjoni hi konvinta li f'dan il-qasam sar investiment qawwi anke finanzjarju biex l-edukazzjoni ta' studenti b'dizabilita` titjieb u tkun wahda inklussiva. Dan serva biex l-edukazzjoni ta' l-istudenti kollha titjieb u ssir aktar rikka l-aktar mill-aspett uman. Il-pubblikazzjoni mill-Kumitat Ministerjali dwar l-Edukazzjoni Inklussiva ta' politika ghal dan il-qasam fid-document "Inclusive Education – Policy Regarding Students with a Disability" ifassal b'mod car u progressiv id-direzzjoni gusta li rridu naddottaw f'dan is-settur.

**5.1.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kumitat Ministerjali dwar l-Edukazzjoni Inklussiva jkompli bil-hidma ko-ordinattiva tieghu l-aktar fl-**

**implimentazzjoni ta' dan id-dokument. Ghalhekk, bi prijorita` dan il-kumitat ghandu jara li kull student b'dizabilita` jkollu programm individwali edukattiv imfassal skond il-bzonnijiet rejali tieghu jew taghha.**

5.2.1 Il-Kummissjoni temmen ukoll li hemm bzonn li l-haddiema kollha li jahdmu b'mod dirett fl-iskejjel ma' persuni b'dizabilita`, facilitators, supply facilitators, kinderkargten assitents, ecc, ikollhom il-kordinament mehtieg permezz ta' Special Educational Needs Co-Ordinators (Senco) u s-sapport minn professjonisti ohra bhal ma huma psikologi, speech therapists, occupational therapist, physiotherapists u social workers. Il-Kummissjoni hi konxja li diga` hemm proposti konkreti, anke bis-sapport ta' fondi mill-Unjoni Ewropea f'dan is-sens l-aktar f'dak li ghandu x'jaqsam mas-SENCO.

5.2.2 **Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jithaffef il-process biex fl-iskejjel taghna jkun hemm il-professjonisti mehtiega biex jissapportjaw u jikkordinaw il-hidma li jaghmlu l-ghalliema u l-facilitators fl-implimentazzjoni tal-programm individwali edukattiv li kull student b'dizabilita` ghandu jkollu.**

5.3.1 Il-Kummissjoni temmen li hemm bzonn li jkollna professjonisti mharga biex tkun tista' tigi implimentata din il-policy. Dan it-tahrig jista' jsir f'Malta bis-sapport ta' expertise minn barra.

**5.3.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li fi zmien sitt xhur isir pjan halli jigi stabbilit il-professjonisti mehtiega, it-tahrig li ghandhom bzonn u kif dan jista' jsir.**

5.4.1 Fil-kaz ta' l-edukazzjoni ta' studenti ghomja/neqsin mill-vista u torox/neqsin mis-smigh jidher li hemm nuqqas ta' ghalliema mharga biex jghallmu dawn l-istudenti. Dawn l-ghalliema ghandhom bzonn tahrig professjonali li ma nsibuhx f'Malta u ghalhekk hu aktar difficli li jsir.

**5.4.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li fi zmien sitt xhur isir pjan biex id-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni jkollha l-ghalliema mharga ta' studenti ghomja/neqsin mill-vista jew torox/neqsin mis-smigh.**

5.5.1 Hu importanti li studenti b'dizabilita` li jispiccaw l-edukazzjoni formali taghhom (l-aktar dawk li jispiccaw ta' madwar 16-il sena) ikollhom opportunitajiet differenti ta' tahrig vokazzjonali jew opportunitajiet li jkomplu l-edukazzjoni taghhom.

**5.5.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-istituzzjonijiet edukattivi post-sekondarji jigifieri l-Iskola Giovani Curmi, l-MCAST, il-Junior College u l-Univesita` jkollhom l-istrutturi u r-rizorsi li jissapportjaw studenti b'dizabilita`, inkluz dawk b'dizabilita` intellettwali, biex huma jkunu jistghu jkomplu l-edukazzjoni taghhom post-sekondarja.**

5.6.1 Wahda mill-problemi li qed niffaccjaw illum fl-edukazzjoni inklussiva hi dik tal-ghoti ta' medicina lil studenti li jkollhom bzonnhom fl-iskejjel regolari.

**5.6.2 Il-Kummissjoni tirrakomanda li din il-problema tal-ghoti tal-medicina fl-iskejjel regolari tigi solvuta fl-iqsar zmien possibbli.**

## *6 Impjieg*

6.1.1 Il-Kummissjoni temmen li kull persuna li tista` tidhol fid-dinja tax-xoghol ghandha tinghata din l-opportunita`, ghandha tinghata t-tahrig u s-sapport li ghandha bzonn. Il-Kummissjoni temmen li x-xoghol jaghti d-dinjita` lil kull bniedem li jista' jahdem Barra minn hekk it-tahrig u s-sapport hu investiment li verament jirrendi ghax persuna b'dizabilita` li tidhol fid-dinja tax-xoghol mhux biss ma tibqax persuna li qed tircievi beneficcju socjali u/jew ta' xi centru ta' matul il-jum imma ssir persuna li qed tikkontribwixxi ghall-izvillupp ekonomiku ta' pajjizha.

**6.1.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-ETC ikollha skemi differenti biex toffri s-sapport li hemm bzonn halli persuni b'dizabilita` li jistghu jidhlu fid-dinja tax-xoghol ikunu jistghu jaghmlu dan.**

6.2.1 Il-Kummissjoni hi pre-okkupata bil-livell relattivament baxx ta' haddiema b'dizabilita` li jahdmu fis-Settur Pubbliku. Dan is-settur ghandu jkun l-employer mudell.

**6.2.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li fiz-zmien sena s-Servizz Civili jkollu politika li tinkoraggixxi l-ingagg ta' persuni b'dizabilita` fis-setturi kollha tieghu u jkollu l-istrutturi necessarji biex din il-politika tigi implimentata.**

6.3.1 Il-Kumissjoni temmen li l-Ligi tal-Impjiegi (Persuni b'Dizabilita`) tal-1969, maghrufa l-aktar ghar-regolament li jistabilixxi l-kwota, ghad hemm bzonnha.

**6.3.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li wara li jkun hemm skemi adekwati biex haddiema b'dizabilita` jigu ssapportjati fix-xoghol taghhom, il-Ligi tal-Kwota tibda tigi implimentata b'mod intelligenti.**

6.4.1 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-fatt li numru ta' persuni b'dizabilita` severa difficli jidhlu fid-dinja tax-xoghol u li dawn ghandhom ikollhom Servizz ta' Matul il-Jum li joffrilhom attivitajiet siewja jew inkella xoghol f'ambjent protett.

6.4.2 Il-Kummissjoni ukoll taqbel mal-politika li dawn is-Servizzi ta' Matul il-Jum ghandhom jinghataw fil-komunita` u f'numru zghir biex hekk tkun tista' tinghata servizz personalizat. Fil-prezent dawn is-Servizzi ma ghandhomx professjonisti biz-zejjed biex ikunu jistghu jaghmlu.

**6.4.3 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li s-Servizzi ta' Matul il-Jum ghandhom jinghataw fil-komunita` u f'numru zghir. Biex dan ikun jista' jsehh hemm bzonn li dawn is-servizzi jkollhom is-sapport ta' tim ta' professjonisti u jkollhom il-finanzjament necessarju biex jipprovdu servizz personalizat skond id-domanda li tizdied minn sena ghal sena.**

## 7 *Sigurta` Socjali*

7.1.1 Il-familji ta' tfal b'dizabilita` ghandhom beneficju socjali skond il-mezzi finanzjarji tal-genituri. Dan il-beneficcju li hu pjuttost baxx (massimu ta' Lm5 fil-gimgha) hu l-istess ghal kull tip u grad ta' dizabilita`.

**7.1.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li, barra l-beneficcju ezistenti ghal tfal b'dizabilita`, ghandu jkun hemm tip iehor ta' beneficcju ghal tfal b'dizabilita` severa u li jkun ghola minn dak prezenti.**

7.2.1 Fil-prezent, persuni b'dizabilita` li ma jistghux jahdmu full time huma intitolati ghall penzjoni li hi madwar 60 % tal-paga minima nazzjonali u dawk li jiehdu din il-penzjoni jistghu jahdmu sakemm id-dhul globali taghhom ma jaqbizx il-paga minima nazzjonali u jekk din tinqabez, il-pensjoni tonqos pro-rata. Il-Kummissjoni thoss li persuna ma ghandhiex tibqa' marbuta biss mal-paga minima minghajr l-ebda tama ta' titjieb ekonomiku ghaliha jekk hi tahdem part time.

**7.2.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-penzjoni tal-persuni b'dizabilita` titla' ghal zewg terzi tal-paga minima nazzjonali bhal kull penzjoni ohra u li persuna li tircievi din il-penzjoni tkun tista' tahdem u ma titlifx xejn mill-penzjoni jekk id-dhul taghha ma jaqbizx il-paga minima u kwart tal-paga minima.**

7.3.1 Il-Kummissjoni temmen li numru sostanzjali ta' persuni b'dizabilita` ghandhom spejjez ghola minn persuni li ma ghandhomx dizabilita` u li jekk dawn verament irid ikollhom opportunitajiet indaqs bhala kull persuna ohra ghandhom ikollhom xi forma ta' beneficcju li jaghmel tajjeb ghal din l-ispiza zejda.

**7.3.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jigi introdott beneficcju socjali gdid li jinghata lil kull min ghandu/ha dhul ta' anqas minn Lm13,000 u li jkollu/jkollha dizabilita` severa li tirrikjedi spejjez sostanzjali.**

## *8 Kultura, Sports u Divertiment*

8.1.1 Il-Kummissjoni temmen li persuni b'dizabilita` ghandhom ikollhom id-dritt li jippartecipaw b'mod shih u indaqs f'kull attivita` inkluz dawk kulturali, sportivi u ta' divertiment. Dan hu necessarju minhabba li ma jaghmilx sens li persuna b'dizabilita` tinghata l-opportunita` ta' edukazzjoni tajba, tinghata l-opportunita`

ta'xoghol u taqla' l-flus, imbaghad ma jkollhiex opportunita` li jkollha l-hajja socjali taghha fejn hi tista' tonfoq flusha kif tixtieq.

8.1.2 Il-Kummissjoni temmen ukoll li meta attivitajiet kulturali sportivi u ta' divertiment ikunu miftuha ghall-persuni b'dizabilita`, dan jaghmel sens ekonomiku ukoll. In-numru ta' persuni b'dizabilita` dejjem qed jikber (minhabba n-nies anzjani) u anke minhabba l-fatt li l-persuni b'dizabilita` ghandhom huma ukoll familja li hafna darbi tissocjalizza flimkien mal-persuni b'dizabilita` u ghalhekk il-familja kollha qed taghzel aktar li tiffrekwenta u tippatronizza attivitajiet u postijiet li huma accessibbli ghal kulhadd.

**8.1.3 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li ghandu jkun hemm pjan b'mizuri prattici biex tizdied il-partecipazzjoni kemm diretta kif ukoll indiretta tal-persuni b'dizabilita` fl-oqsma sportivi, kulturali u tad-divertiment.**

## *9 Legislazzjoni*

9.1.1 Permezz tal-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita`) diskriminazzjoni minhabba dizabilita` giet iddikjarata illegali. Dan hu pass storiku u importanti hafna. Biss dan ghadu mhux imdahhal fil-Kostituzzjoni ta' Malta bhal ma hu fil-kaz ta' diskriminazzjoni minhabba razza, twemmin, sess, ecc.

**9.1.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li biex dan il-Ligi Opportunitajiet Indaqs tinghata l-importanza massima li jisthoqqilha, dan il-provediment ghandu jidhol fil-Kostituzzjoni ta' Malta biex diskriminazzjoni minhabba dizabilita` tkun anti-kostituzzjonali.**

9.2.1 Il-Kummissjoni hi sodisfatta hafna li ghaddiet il-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita`) u li din diga` bdiet taghti rizultati posittivi. Pero` s'issa l-problema tad-dewmien tal-qorti ma gietx rizolta u kawzi skond din il-Ligi diga` ilhom is-snin biex jinqatghu. Meta wiehed jiftakar li dawn huma kawzi fuq ksur ta' drittijiet umani dan mhumiex accettabbli.

**9.2.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jinstabu mezzi legislattivi u/jew amministrattivi kif kawzi miftuha skond il-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita`) jinqatghu fi zmien sitt xhur jew anqas.**

9.3.1 Il-Kummissjoni hi konxja li persuni ghomja ghandhom diffikultajiet biex jezercitaw id-dritt tal-vot b'mod dinjituz.

9.3.2 Il-Kummissjoni ukoll mhix kuntenta bil-mod kif persuni li ghandhom problemi ta' sahha mentali jew ghandhom nuqqas intellettwali qed jinghataw jew ma jinghatawx id-dritt tal-vot.

**9.3.3 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li titwaqqaf taskforce bir-rapprezentnati tal-partijiet kollha involuti (Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita`, il-Federazzjoni tal-Ghaqdiet ghall-Persuni b'Dizabilita`, ghaqdiet ohra tal-persuni b'dizabilita`, partiti politici u l-Kummissjoni Elettorali) biex fi zmien sitt xhur tipprezenta rapport dwar kif dawn il-problemi jistghu jigu rizolti.**

## *10 Ko-Ordinament*

10.1.1 Il-hidma fil-qasam tal-persuni b'dizabilita` tinhtieg ko-ordinament shih jekk iridu li thalli rizultati positivi u efficjenti. Dan hu r-rowl tal-Kummissoni li fil-prezent taqa' taht il-Ministeru ghall-Politika Socjali.

**10.1.2 Il-Kummissjoni thoss li dan ir-rowl ta' ko-ordinament ikun jista' jintlahaq b'aktar efficjenza jekk hi tkun parti mid-dekasteru tal-Prim Ministru.**

## *11 Ghaqdiet*

11.1.1 Il-Kummissjoni hi konxja mill-kontribut li l-Ghaqdiet volontarji jaghtu fid-diversi setturi tal-hajja Maltija inkluz dak tal-persuni b'dizabilita`.

**11.1.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Ligi tal-Volontarjat, li permezz taghha jigu regolati l-operat ta' dawn l-Ghaqdiet u permezz taghha tigi ffissata s-sapport li l-Istat ser jaghti lil dawn l-Ghaqdiet, ghandha ssir mill-aktar fiss possibbli.**

## *12. Qasam Internazzjonali*

12.1.1 Fil-prezent ghaddej dibattitu biex in-Nazzjonijiet Uniti taddotta Konvenzjoni Internazzjonali favur id-drittijiet tal-persuni b'dizabilita`. Il-Kummissjoni temmen bis-shih li konvenzjoni bhal din tkun ta' beneficcju enormi ghall-persuni b'dizabilita` mad-dinja kollha inkluz f'Malta.

**12.1.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Gvern biex, barra li juri s-sapport shih ghal din l-inizjattiva, jaghti sehem attiv biex din il-Konvenzjoni ssir rejalta` fl-iqsar zmien possibbli.**

12.2.1 Wahda mill-inizjattivi principali mahsuba ghas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Dizabilita` hi li l-Unjoni Ewropea tadotta Direttiva komprensiva favur il-persuni b'dizabilita` Hu mahsub li din id-Direttiva Ewropea tkun fuq l-istess livell tal-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita`). Fil-prezent, l-Unjoni Ewropea ghandha Direttiva, li ser tidhol fis-sehh f'Dicembru 2003, li taghmel illegali diskrimininazzjoni minhabba diversi affarijiet fosthom id-dizabilita`. Din id-direttiva hi ghal qasam tax-xoghol biss.

**12.2.2 Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jekk Malta tissieheb fl-Unjoni Ewropea tissapportja b'mod attiv l-inizjattiva biex ikun hemm direttiva komprensiva favur il-persuni b'dizabilita`.**

12.3.1 L-Unjoni Ewropea toffri diversi opportunitajiet lill-persuni b'dizabilita' u l-ghaqdiet taghhom permezz ta' programmi diversi kemm dawk edukattivi kif ukoll dawk socjali li permezz taghhom il-persuni b'dizabilita`, il-familji u l-Ghaqdiet taghhom u dawk li jahdmu f'dan il-qasam ikunu jistghu jibbenefikaw f'dak li hu edukazzjoni, tahrig vokkazzjonali, esperjenzi u mistrieh.

**12.3.2 Il-Kumissjoni tirrakkomanda li jekk Malta tissieheb fl-Unjoni Ewropea l-entitajiet Maltin responsabbli jkollhom ir-risorsi u l-gharfien necessarju biex isir uzu massimu minn dawn l-opportunitajiet.**

***Konkluzzjoni***

Il-Kummissjoni tifhem li l-proposti ta' dan il-memorandum huma vasti u komprensivi u mhux rejalistiku li dawn jigu implimentati kollha f'daqqa. Biss wiehed irid jiftakar li dawn huma proposti ghal programm ta' hames snin. Tajjeb ukoll li wiehed jiftakar li l-Kummissjoni ssostni bil-qawwa li dan il-qasam hu wiehed li ghal zmien twil ma hax is-sehem shih mill-gid tal-pajjiz li verament jisthoqqlu.

Ghaldaqstant il-Kummissjoni qed taghmel dawn il-proposti biex fil-mod il-mod dawn jigu accettati u implimentati bil-ghan ahhari li l-persuni b'dizabilita` u l-familji taghhom ikollhom opportunitajiet indaqs u l-oghla kwalita` ta' hajja possibbli.